# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **37** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **l-Erbgħa 23 ta' Settemrbu 2015 fil-5.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

## *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 36.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2015/03 – Road Maitenance and Major Patching works in access and access only roads.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 36(1) tas-17 ta' Awwissu 2015:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ssekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-5.40pm***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 36(1) tas-17 ta' Awwissu 2015:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq paġna 9 punt #8.1 rigward it talba li ssir *jogging track* fi Triq ix-Xatt.

Is-Sindku qal illi minn ~~għajdud~~ sarsi infurmati li sehma qed jgħidu illi jekk jibda l-proġett tal-eks *Jerma Palace* ser jinbidel il-promenade ukoll iżda ma hemm xejn konkret u għaldaqstant għandna nitkellmu ma' l-Onor Chris Aguis waqt il-laqgħa li tlabna.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li hu kien tkellem mal-Onor Chris Aguis fejn kien talbu sabiex issir *jogging track* fuq il-promenada u min-naħa tal-Onor Chris Aguis kien qallu illi jekk nibgħatu ittra uffiċjali għanda tiġi approvata.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar daħlu għal laqgħa fis-5.45pm***

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitkellmu mal-Onor Chris Aguis waqt il-laqgħa li għanda issir u nistaqsu jekk huwiex infurmat illi jekk jitlesta l-proġett tal-eks *Jerma Palace Hotel* hemmx il-ħsieb illi tinbidel il-*promenade* ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti illi kien attenda laqgħa TMalta mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto u xi membri oħra fejn issuġġerew illi l-*cycling track* issir fit-triq eżatt mat-tarf tal-*parking bays* eżistenti fuq in-naħa tal-bini.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li ma jaqbilx li ssir hemm meta ser jkollok il-karozzi ipparkjati u meta tiftaħ il-bieba tal-karozza ser tiġi fuq ic-*cycling track*.

Is-Sindku qal illi minn mindu għamilna l-parkeġġi minflok is-*cycling track* ftit li xejn kellna ilmenti. Huwa saħaq illi xorta għanda ninsistu sabiex issir *cycling track* kif suppost fil-każ li tkun se terġa ssir fuq il-promenade.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri irrimarka fuq paġna 4 punt 2.1.7 rigward l-iskart li qed jinġabar gżuż. Huwa qal ukoll li ċertu skart mhux qed jinġabar kollhu u qed jitħalla l-iskart imferrex mal-lokalita`.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal kemm il-darba ra t-trakk tal-iskart ħiereġ mil-lokalita` għal ħabta tal-10.30am u għaldaqstant ma jistax jkun illi l-kollettur qed jibda fil-ħin stipolat fil-kuntratt iżda qed jibda qabel.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-kollettur bl-ilmenti kollha.

➢ ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard daħlet għal laqgħa fis-6.00pm***

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 5 punt #2.1.10 fuq iz-*zebra crossing* ta' Triq il-Qaliet jekk għandiex data meta ser issir.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi għandna l-approvazzjoni min-naħa ta' TMalta iżda ma għandiex kuntrattur fil-preżent u li s-sejħa għall-offerti kienet se tagħlaq f'Ottubru 2015.

Is-Sindku qal illi z-*zebra crossing* jistgħu jsiru tal-konkos min-naħa tal-kuntrattur *Karming Trading Ltd*. Huwa kompla jgħid illi b'hekk anke nkunu nistgħu nagħmlu z-*zebra crossing* li għanda approvata fi Triq ix-Xatt ukoll.

Il-Kunsill qabel unanimament illi z-*zebra crossings* li għandna approvati jsiru *raised zebra crossing* sabiex insolvu ukoll ftit mill-problema tas-sewqan eċċessiv u jsiru bil-konkos jekk possibli.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li konna tkellimna ukoll illi kellhom jsiru *bollards* fin-nofs tat-Triq il-Qaliet.

Is-Sindku qal illi l-*bollards* tal-pastik jitqaċtu mill-ewwel u li żgur ma jaqbilx magħhom. Huwa qal li kien jippreferi *central strip* bil-fjuri.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa mingħalih illi l-*bollards* tal-ħadid kellhom jsiru u mhux tal-plastic.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niċċekjaw jekk TMalta kellhomx l-intenzjoni li l-bollards isiru tal-ħadid jew plastik.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi t-tabelli taz-*zebra crossing* ta' Triq ix-Xatt waħda minnhom għanda issir bir-*reflector*.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.0 ***__Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq jressaq quddiem il-Kunsill:__***

3.1 **__Żieda fin-notch tal-impjegata s-Sinjura Lucille Bonnici:__**

Is-Segretarju Ezekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi s-Sinjura Lucille Bonnici għanda ż-żieda fil-point li ser tiprogressa għal point 7.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.2 **__Inċident li ġara fiż-żona tal-Fajtata fejn ġuvni ta' 17-il sena weġġa gravi:__**

Is-Sindku qal li kien hemm xi nies ili bdew jgħidu illi dan l-inċident li sar kien tort tal-Kunsill. Huwa kompla jispjega illi din il-kwistjoni diġa konna tkellimnija u fuq suġġeriment tal-MTA konna qbilna li neħħu l-istruttura perikoluża iżda kienet baqet hemm.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa jekk nistgħux inwaħħlu tabelli.

Is-Sindku wieġbu illi waqt il-laqgħa li kienet saret mal-MTA kienu qalulna illi ma nistgħux.

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lil Ministru u nistaqsuh fiex waslet id-deċiżjoni li kienet ittieħdet min-naħa tal-Ministeru u jekk għandux l-intenzjoni li din l-istruttura tibqa..

3.3 **<u>Proposta biex titqiegħed struttura ġewwa Marsaskala (353841/15/I):</u>**

Is-Sindku qal li ġie artist jkellmu sabiex jgħamel skultura ta' ħuta fuq il-*promenade* u mill-lokalitajiet ta' Malta huwa għażel li titqiegħed ġo Marsaskala.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard talbet iktar informazzjoni dwar kif ser jintgħażel il-proġett tiegħu flimkien ma iktar nformazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-informazzjoni li kien bagħtilna dan l-artist.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi huwa jaqbel mal-prinċipju ta' din l-iskultura pero` huwa tal-opinjoni illi għandna nabbinawa ma okkażjoni eżempju fl-għeluq il-21 sena tat-twaqqif tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li nistgħu ukoll nabbinaw fl-għeluq il-25 sena mit-twaqqif tad-*Douzelage* jew anke mal-għarqa t'*Angel Gabriel*.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi huwa tal-opinjoni illi ma għandiex nirrifjutaw din l-iskultura anke jekk ma nabbinawiex ma xi ċerimonja.

Il-Kunsill qabel unanimament illi naqblu illi issir din l-iskultura pero` għanda tittieħed deċiżjoni tal-post fejn ser jsir.

- Is-Sindku awgura lill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri għal-kanditatura tiegħu fl-elezzjoni ġenerali li jmiss.

3.4 **<u>Korrispondenza dwar l-Universita` Amerikana (AUM) (35/3670/15/I):</u>**

Is-Sindku qal illi d-deċiżjoni tal-Gvern Ċentrali ittieħdet rigward l-Universita` li se jkollha parti f'Marsaskala u l-parti l-oħra f'Bormla u għaldaqstant ma għandiex niddiskutu iktar fuq din il-materja.

Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Deisree Attard staqsiet jekk aħna konniex qbilna li ser tittieħed parti mil-*promenade*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi ma kienux iddiskutew it-tieni proposta tal-universita` waqt seduta tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li kien ra l-intervista tas-Sindku fejn kien qal illi l-Kunsill kien qabel mal-proposta il-ġdida tal-universita` meta it-tieni proposta qatt ma ġiet diskussa waqt seduta tal-Kunsill u għaldaqstant is-Sindku ma kellux dritt illi jitkellem f'isem il-Kunsilliera.

Is-Sindku wieġbu illi hu fl-ebda ħin fl-intervista ma semma li l-Kunsill qabel unanimament u għaldaqstant ma kienx qed jitkellem f'isem il-Kunsilliera kollha iżda huwa dejjem qal li l-maġġoranza tal-Kunsilliera.

Il-Viċi Sindku l-Kunsilliera s-Sinjorina Desiree Attard qalet li t-tieni proposta qatt ma ġiet diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill.

3.5 **Korrispondenza mil-Perit tal-Kunsill rigward il-pjanti għal-Żonqor playing field:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-pjanti proposti tal-bandli l-ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi għandna bżonn iktar informazzjoni u spjegazzjoni tal-apparat tal-logħob li ser jiġi installat għaliex il-pjanta mhux ċara.

Is-Sindku qal illi huwa tal-opinjoni illi dan il-bandli jiġi magħluq bir-*railing* bħal dak ta' Ġnien David Vella sabiex jiġu evitati l-atti vandali.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal meta kienu iltaqgħu fuq il-post mal-Perit kienet ġibditilhom l-attenzjoni illi ħajt minnhom min-naħa ta' ġewwa l-ħajt ser jiġi baxx ħafna u għaldaqstant jsir b' xi tip ta' *railing*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li diġa kienu tkellmu mal-Perit tal-Kunsill fuq din il-problema u l-pjanta setgħet tkun iktar dettaljata sabiex ma jinħeliex iktar żmien.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-*wiring* għandu tajjeb iżda trid tinbidel id-*distribution box*, il-*light fixtures* jridu jiġu ġodda u bħala arbli jsiru inqas.

Il-Kunsill qabel unanimament illi issir laqgħa mal-Perit sabiex niċċaraw il-punti kollha.

3.6 **Approvazzjoni ta' sick u unpaid għal impjegata tal-Kunsill:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera illi għandna mpjegata li ġiet riferuta mit-tabib tagħha għal għand speċjalista. Huwa kompla jispjega illi din l-impjegata ilha bis-*sick leave* minn Ġunju 2015 u s'issa ħadet is-*sick* kollhu kemm dak bi ħlas u kemm dak b'nofs ħlas. Huwa kompla jispjega illi kien bagħat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn irrefera għal *collective agreement* li jgħid illi f'każ ta' mard serju impjegat jista jitulizza s-*sick* li ma jkunx intuża ta' l-aħħar tlett snin. Huwa kompla jispjega illi jekk il-Kunsill japprova dan is-*sick* ser tkun titħallas sa Novembru 2015 mbagħad tibda bl-*unpaid leave* sa l-aħħar ta' Frar 2016 u sa Frar 2016 għanda ittina risposta jekk hux ser tirritorna għax xogħol jew le.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab lis-Segretarju Eżekuttiv jgħid liema artiklu tal-*collective agreement* qiegħda din.

Is-Segretarju Eżekuttiv irreferih għal artiklu 25 tal-*collective agreement* 2012-2016.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.7 **Invitation Nature Park Meeting (35/4029/1/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għada 25 ta' Settembru 2015 ser issir laqgħa ġewwa l-OPM fuq dan is-suġġett.

Is-Sindku qal illi din il-laqgħa ser jkunu preżenti ukoll rappreżentanti mil-Kunsill ta' Ħaż Żabbar u l-Kunsill tax-Xgħajra fejn kulħadd ser jgħaddi l-proposti tiegħu. Is-Sindku stieden sabiex kulħadd jgħid l-proposti tiegħu u beda biex jaqra tiegħu u wara kulħadd b'mod alternattiv. Il-proposti huwa imniżżla kif ġej.

3.7.1 Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu nibqgħu nsostnu li ma tintmiss l-kosta u jinstab post alternattiv lil *tad-Dive Med Sport Centre*, kif ukoll post alternattiv għal latrina pubblika eżistenti. Huwa kompla jgħid li għanda tinbena *promenade* ġdida miż-Żonqor għal ta' Barkat u li tkun aċċessibbli għal kulħadd speċjalment ghal dawk b'diżabilita`. Is-Sindku kompla il-proposti tiegħu billi kompla jisħaq li għandu jitneħħa l-ħmieġ kollu li hemm fil-preżent u jsiru *railing*, bankijiet iħarsu lejn il-baħar, bins tal-klieb u oħrajn ta' skart ieħor, kif ukoll ninsistu biex jitħawlu iżjed siġar u ninsistu li ma jinbnewx stabilimenti tal-ikel u xorb.

3.7.2 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet li l-Park Nazzjonali m'għandux jiċkien fil-qies tiegħu mill-pjan originali (dak tal-2006). Hija kompliet tgħid illi Iż-żona għanda titħalla fl-istat naturali tagħha u b'interventi minimi. Il-Viċi Sindku qalet li ma għandux jkun fih l-ebda binja kummerċjali, kif ukoll ma għandiex tinbena l-ebda triq li tagħti aċċess għal karozzi jew muturi, iżda jkun hemm biss *footpaths* li jitgawdew min-nies *on foot*. Hija qalet ukoll illi fid-daħliet tal-park ikun hemm informazzjoni dwar il-valur ambjentali taż-żona, kif ukoll ikun hemm sistemi ta' sigurta` li jaraw li ma ssir l-ebda ħsara liż-żona. Hija temmet il-proposti tagħha billi qalet li għandu jiġi promoss bħala żona turistika mportanti, bil-għan li nuru d-diversita` tal-attrazzjonijiet turistiċi tal-pajjiz.

3.7.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi għanda issir *cycle track, jogging track* u *walking track* u l-passaggi li hemm mill-*housing estate* san naha ta' isfel jitnaddfu u jinfetħu.

3.7.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hemm passaġġ li jgħaqqad liż-Żonqor max-Xgħajra li kien bil-ħitan tas-sejjieħ maż-żewġ naħat u għaldaqstant għandu jerġa jiġi kif kien u jitnaddaf mit-terrapien u jibqa fl-istat naturali tiegħu.

3.7.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għandhom jerġu jinbdew il-ħitan tas-sejjiegħ li jagħtu minn Triq Għaxqet l-Għajn san-naħa ta' isfel u iridu jaraw fejn ser jagħmlu bir tal-ilma.

3.7.6 Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar qalet li huwa importanti li hekk kif isir il-Park Nazzjonali jieħdu ħsieb li ssir manutenzjoni regolari fuqu.

3.7.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li għanda issir *heritage trail* u jkun hemm tabelli bl-informazzjoni.

3.7.8 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li għanda issir definizzjoni ċara dwar minn ser jkun responsabbli tal-manutenzjoni ta' dan il-park. Jekk ma jkunx il-Kunsill għandu jkun hemm membru tal-Kunsill li jifforma parti mil *steering committee*. Huwa żied jgħid illi peress li ser jiżdied l-ammont ta' kostruzzjoni u residenti fil-madwar u anke meta tinfetaħ l-eks Jerma Palace għandu jkun provdut transport bil-baħar bejn Marsaskala u l-Belt.

3.7.9 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassr qal illi l-proposta li jinbena campus ta' Università fiż-Żonqor, u wkoll li parti minn dan il-bini hu pjanat li jsir fuq medda ta' 18,000 metru kwadru ta' art protetta u 'l-barra miż-żona ta' żvilupp, tibqa' waħda inkwetanti bil-kbir. Huwa kompla jgħid li skont il-Pjan Lokali għan-Nofsinhar ta' Malta, approvat mill-Parlament fl-2006, dawn it-18,000 metru kwadru huma mmarkati bħala parti integrali mill-Park Nazzjonali fiż-Żonqor.

Huwa kompla jgħid li dan il-proġett ta' kostruzzjoni se jkun qiegħed isir f'parti mill-park nazzjonali u se jeqred għal dejjem parti sostanzjali mil-landscape taż-żona. Għaldaqstant, dan il-proġett ta' kostruzzjoni huwa fil-prinċipju kontradittorju mal-ħolqien ta' park naturali. Iktar minn hekk, dan il-proġett ta' kostruzzjoni huwa gidma valenuża għax mhux biss se jeqred l-art fejn ser isir il-bini iżda d-dehra goffa ta' dil-binja enormi se teqred l-integrità tal-park naturali u allura l-iskop kollu tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li l-ebda parti miż-żona immarkata bħala park m'għandha tiġi mnaqsa jew mittifsa. Huwa bl-ebda mod ma jrid li jkollu x'jaqsam ma' proposta li se tqaċċat barra 18,000 metru kwadru ta' art mill-park sabiex takkomoda l-kostruzzjoni tal-bini, u għaldaqstant mhux se jkun qiegħed japprova l-ebda proposta għal ħolqien ta' park imnaqqas. Huwa jirrakkomanda li l-area tal-park prezenti tiġi estiża biex fiha tinkuldi wkoll żona marittima protetta ma' tul kosta li tagħti miż-Żonqor sax-Xgħajra. Kif ukoll jirrakkomanda li maż-żona tal-park preżenti jingħaqdu wkoll iż-żoni tal-Bidni, San Anard u San Niklaw sabiex jiġi żgurat li l-area kollha ssir protetta u fl-istess waqt tiġi mħarsa l-kontinwità tal-aspetti ambjentali, storiċi, kulturali u soċjali li essenzjalment huma ħaġa waħda maż-żona taż-Żonqor.

Huwa kompla jgħid li f'dan id-dawl, jirrakkomanda li l-Kunsil Lokali ta' Marsaskala japprova l-proposta li qiegħed iressaq il-grupp NIFS (National Independent Forum for Sustainability) rigward il-ħolqien ta' park naturali fiż-żona taż-Żonqor u l-madwar, liema proposta tista' tinqarha permezz ta' din il-link:

https://onedrive.live.com/view.aspx?resid=E78DC85C649C824C!107&ithint=file%2cpdf&app=WordPdf&authkey=!AH1SwAXDos7eVWo

Fl-aħħar huwa għalaq id-diskors tiegħu li bl-aktar mod kategoriku li kull estenzjoni tal-park kif rakkomandata hawn fuq, f' paragrafi 4, 5 u 6 m'għandha qatt tintuża biex tiġġustifika li tnaqqas xi parti mill-park kif preżentament immarkat fil-pjan lokali għan-nofsinhar ta' Malta li kien approvat mill-Parlament fl-2006, dan abbażi ta' prinċipju fundamentali kif spjegat f'paragrafi 2 u 3 hawn fuq.

3.8 **Bżonn li l-Kunsill jibgħat il-korrispondenza lil MEPA fuq mwejjed u siġġijiet:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-talba sabiex issir laqgħa mal-MEPA rigward l-infurzar fuq l-imwejjed u siġġijiet fuq art pubblika ma ġietx milqugħa u talbuna sabiex nibgħatu l-kummenti tagħna bil-miktub.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi anke hemm stabbiliment fi Triq ix-Xatt fejn qed iniżżlu *stand* bil-menu fit-triq.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li fi Triq ix-Xatt quddiem is-Summer Nights xorta għadhom jipparkjaw *double parking*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi anke fuq il-*junction box* ta' faċċata tas-*Summer Nights* jkun hemm il-karozzi pparkjat u mhux qed jiġu mħarka.

Is-Sindku qal li għandna niktbu lil Reġjun ħalli issir iktar sorveljanza.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-gwardjani lokali jaħdmu sa ċertu ħin. Huwa qal ukoll illi hemm bżonn li niktbu lil kumpanija tal-gwardjani lokali u nitolbuhom sabiex il-gwardjani lokali fil-*weekends* jkunu ħdejn il-*promenade* filgħaxija sabiex josservaw illi l-liġi qed tiġi osservata. Huwa kompla jgħid illi fl'entratura tal-bandli Pjazza Mifsud Bonnici hemm bord ta' stabbiliment u dan mhux suppost jkun hemm.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lill-kumpanija tal-gwardjani lokali u nitolbuhom sabiex fil-weekend il-gwardjani lokali jkunu madwar il-*promenade* u anke niktbu ittra lill-Kummissarju tal-Puluzija ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fuq id-dokument imtella *online* min-naħa tal-MEPA intitolat *policy guidance and standards for outdoor catering areas on public open spaces* hemm ħafna affarijiet fuqu li jridu jiġu ċċarati. Huwa qajjem żewġ mistoqsijiet jekk il-*vending machine*, qsari u tabelli jekk hux ser ikunu meqjusa parti mill-metri li ser japplikaw. Huwa staqsa ukoll jekk kull mingħandu l-imwejjed u siġġijiet jridx jitfa applikazzjoni mill-ġdid.

3.9 **Zebra Crossing fi Triq il-Blajjiet:**

Is-Sindku qal illi kien hemm residenta illi talbet sabiex issir *zebra crossing* fi Triq il-Blajjiet, speċjalment ninħabba t-tfal tal-iskola. Huwa kompla jgħid illi ma tistax issir ħdejn il-*bring in sites*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li tista issir ħdejn il-*letter box*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemmhekk hemm il-*Bus Stop*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsir *traffic management* tal-area u tiġi nkorporata fiha iz-*zebra crossing*.

3.10 **Attivita` tal-*car drifting*:**

Is-Sindku qal li avviċinah il-persuna mill-kumitat tal-*car drifting* fejn infurmah li qed jippjanaw illi issir attivita` f'Ottubru ħdejn il-pixxina.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ssir din l-attivita` filwaqt li l-organiżżaturi għandhom japplikaw għal gwardjani lokali.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagament #2871 ta' Saliba Bros Ltd, fejn talab biex ikun jaf il-konkos għal fejn intuża.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ntuża fil-Bidni.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagamenti #2873 u #2874 ta' Transmec Services Ltd, fejn għamilna galvanizing u għaliex xtrajna il-materjal.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi persuna li għanda magħna taħt l-iskema tal-ETC qed jgħamlilna xogħol u ħadid u għaldaqstant min-naħa tagħna nixtru l-materjal. Dan qed ikun ta' benefiċċju kbir lill-Kunsill Lokali.

4.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagament #2875 ta' Toni's Wine and Spirit jekk dan l-ilma hux qed jiġi ikkunsmat mill-Kunsilliera u l-istaff.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ilma nxtara għal l-użu tal-membri tal-Kunsill kif ukoll tal-ħaddiema.

4.4 Il-viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet dwar pagament #2872 tal-We Media Ltd fuq xiex kien.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan kien avviż li sar fuq Xarabank fejn kienet ġiet reklamata attivita` tal-Kunsill.

4.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagamenti #2907 u #2909 tal-Enemalta fuq xiex kienu t-*temporary supply*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi t-*temporary supply* kienu dwar il-fustuni tal-Milied 2014.

4.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagament #2886 ta' Mr. Keith Abela ta' xiex kien.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi dan minn *filming* tal-attivitajiet minn Jannar 2014 sa Jannar 2015.

4.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq il-pagament kolla li huma tad-delegazzjoni tar-rappreżentanti mill-Latvia.

Is-Sindku wieġbu illi din kienet delegazzjoni ta' 17 il-persuna u aħna ħallasna għal-ewwel tlett ijiem ta' akkommodazzjoni u ikel u huma jħalsu l-jumejn li kien għad fadal. Huwa kompla jgħid illi dan il-grupp taw *performance* u kien hemm konkorrenza tajba ħafna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi huwa ma jaqbilx ~~illi ntefqu madwar €3000 sabiex tingħata *performance* u biex ngħamlu attivitajiet oħra irridu naraw minn fejn ser inġibu l-flus.~~ Huwa qal illi fl-opinjoni tiegħu l-flus setgħu intefqu f'affarijiet iktar importanti.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qabel unanimament illi tiġi din id-delegazzjoni u jitħallsu l-ewwel tlett ijiem f'akkomodazzjoni u ikel.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u l-Viċi Sindku qal illi meta tkun ser ssir attivita` għandu jiġi ppreżentat draft budget qabel ma ssir l-attivita` ħalli l-Kunsill ikun jaf minn qabel l-ispiża.

4.8 Il-Kunsillier is-sur John B. Camilleri staqsa fuq pagament #2936 tas-Sur Matthew Attard jekk kienx pagament wieħed.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi f'dak il-kont hemm tlett invoices.

4.9 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagament #2974 tas-Segretarju Parlamentari fuq xiex kien.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li xtrajna l-*lapel badge* tas-Sindku peress li kienet intilfet.

**Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 ***<u>Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2015/03 – Road Maintenance and Major Patching works in access and access only roads:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta x-*schedule* u qal li ma kienx hemm l-ebda offerent li tefa l-offerta tiegħu u għaldaqstant erġajna ħriġna sejħa oħra.

6.0 ***Mistoqsija:***

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa mistoqsija b'urġenza fejn staqsa jekk kellniex risposta rigward talba sabiex isir taraġ fi Triq San Nikola

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kienu bgħatulna risposta fejn qalulna illi dak it-taraġ jrid jsir mill-iżviluppatur, huwa kompla jispjega illi r-risposta kienet vaga minħabba li ma tindikax min kien l-iżviluppatur.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa min kien se jinforza biex dan it-taraġ isir.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab sabiex nibgħatu lil MEPA għal iktar informazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 Il-Kunsillier is-Sur john B. Camilleri talab sabiex titressaq mozzjoni b'urġenza sabiex jiġu installi 2 bozzoz ġodda fi Triq Wied iz-Ziju.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

8.1 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi l-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ wasal sabiex itella l-aħħar attivita` nhar is-Sibt 26 ta' Settembru 2015 u l-membri tal-Kunsill huma kollha mistiedna. Huwa irringrazzja lil Kunsill taż-żgħażagħ tax-xogħol li għamel li kienu dejjem ta' suċċess.

8.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kien attenda attivita` fejn kien mistieden il-President ta' Malta u fosthom kien hemm żewġ professuri illi huma residenti ġewwa Marsaskala u talbu sabiex jiffurmaw *pool* sabiex jkunu jistgħu jagħtu l-idejat tagħhom għal ġid tal-lokalita`.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jifforma dan il-*pool* u anke jkollom l-opportunita` illi jiktbu fil-magażin tal-Kunsill.

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir nhar l-Erbgħa 14 ta' Ottubru 2015 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku